MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 815/2002

**Hardrocks Limited.**

**-vs-**

**Sander Attard f'ismu proprio kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza ta' SA Construction Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut Sander Attard f'ismu proprio kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' SA Construction Limited ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-

somma ta’ hamsa u hamsin elf Lira Maltija (Lm55,000) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut proprio et nomine fuq talba tieghu stess kif jidher mill-istatement hawn anness bhala Dok.“A” u minn ammissjoni tad-debitu ffirmata mill-istess Sander Attard fit-28 ta’ Jannar 2000, hawn annessa bhala Dok.“B”.

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellat, anke ufficjalment, il-konvenut proprio et nomine baqa’ inadempjenti.

Illi fil-fehma tas-socjeta’ attrici il-konvenut proprio et nomine m’ghandux eccezzjoni valida x’jaghti kontra din l-azzjoni.

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) “et sequitur” tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant guridiku tas-socjeta’ attrici Paul Xuereb u mmarkat bhala Dok.“C”.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma minnu dovuta ta’ hamsa u hamsin elf Lira Maltija (Lm55,000) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut proprio et nomine fuq talba tieghu stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta’ Frar

2001, 1 ta’ Frar 2002, tal-Mandat ta’ sekwestru 923/00 tal-15 ta’ Marzu 2000 u tal-kontromandat numru 941/00 tas-

sbatax ta' Marzu 2000, kif ukoll tal-mandat ta' qbid, mandat ta' sekwestru u mandat ta' inibizzjoni tal-10 ta' Lulju 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut proprio et nomine li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Paul Xuereb ID 29864(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu illi jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li xehed id-difensur tal-attur illi ikkonferma illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu dovut. Rat ir-rikors tal-konvenut li bih talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u finalment il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-konvenut ghal darb'ohra naqas li jippresenta nota ta' eccezzjonijiet.

Billi ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici mhijiex kontradetta;

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenut, tikkundanna lill-istess konvenut proprio et nomine ihallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' hamsa u hamsin elf lira (Lm55,000) oltre imghaxijiet legali mit-28 ta' Jannar 2000 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjes kif mitluba fic-citazzjoni jigu sopportati kollha mill-konvenut proprio et nomine.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------